

EUR 60 biljun mitlufa kull sena madwar I-UE minħabba ffalsifikar fi 13-il settur ekonomiku ewlieni.

Riċerka ġdida mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) turi li jintilfu EUR 60 biljun kull sena minħabba ffalsifikar fi 13-il settur ekonomiku.

Matul l-aħħar 5 snin, l-EUIPO kien qed jittraċċa l-ispiża ekonomika tal-iffalsifikar f'setturi magħrufa li huma vulnerabbli għal ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali (IPR).

Iċ-ċifri tal-lum juru li t-telf annwali dirett ta' dawk is-setturi jammonta għal EUR 60 biljun, u dan jikkorrispondi għal 7.5% tal-bejgħ tagħhom, bħala riżultat tal-preżenza ta' prodotti foloz fis-suq.

It-telf akkumulat huwa ekwivalenti għal EUR 116 għal kull ċittadin tal-UE kull sena.

Minħabba li l-manifatturi leġittimi jipproduċu inqas milli kieku kien ikollhom fin-nuqqas ta' ffalsifikar, u b'hekk jimpjegaw inqas ħaddiema, 434 000 impjeg huma wkoll mitlufa direttament f'dawn is-setturi.

Ir-rapport jistma li minħabba l-preżenza tal-iffalsifikar, it-13-il settur jtilfu 10.1 % tal-bejgħ dirett kull sena f'Malta. Dan huwa ekwivalenti għal madwar EUR 82 miljun, jew EUR 191 għal kull abitant Malti kull sena.

It-13-il settur li ġew studjati huma: il-kosmetiċi u l-kura personali; il-ħwejjeġ, iż-żraben u l-aċċessorji; l-oġġetti tal-isports; il-ġugarelli u l-logħob; il-ġojjellerija u l-arloġġi; il-basktijiet tal-idejn u l-bagalji; il-mużika rrekordjata; l-ispirti u l-inbid; il-farmaċewtiċi; il-pestiċidi; smartphones; batteriji u tajers.

Dawn iċ-ċifri jiffurmaw parti minn ċiklu ta' xogħol ta' riċerka, imwettaq mill-EUIPO matul l-aħħar 5 snin, u rilaxxat f'rapport wieħed għall-ewwel darba. Ir-Rapport ta' Sinteżi, li ħareġ illum, jgħaqqad ukoll riċerka dwar il-kontribut tal-proprjetà intellettuali għall-ekonomija tal-UE u l-ispiża tal-iffalsifikar u l-piraterija għall-kummerċ internazzjonali. Issintetizza wkoll l-azzjonijiet li qed jittieñdu biex jiġġieldu kontra l-ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali minn korpi nazzjonali, reġjonali u internazzjonali.

Il-President Eżekuttiv tal-EUIPO, António Campinos, qal:

Matul dawn l-aħħar 5 snin, ir-rappurtar u r-riċerka tagħna taw, għall-ewwel darba, stampa komprensiva tal-impatt ekonomiku tal-iffalsifikar u l-piraterija fuq l-ekonomija tal-UE u l-ħolqien tal-impjegi, kif ukoll tagħrif dwar kif jinkisru d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Permezz tar-riċerka tagħna, urejna wkoll il-kontribut pożittiv li l-proprjetà intellettuali għandha fuq l-impjegi u t-tkabbir. Il-ħidma tagħna twettqet sabiex dawk li jfasslu l-politika u ċ-ċittadini ma jkollhom l-ebda dubju dwar il-valur tal-proprjetà intellettuali u d-dannu li jirriżulta mill-ksur tagħha.

NOTA LILL-EDITURI

It-13-il settur affettwati msemmija huma: il-kosmetiċi u l-kura personali; il-ħwejjeġ, iż-żraben u l-aċċessorji; l-oġġetti tal-isports; il-ġugarelli u l-logħob; il-ġojjellerija u l-arloġġi; il-basktijiet tal-idejn u l-bagalji; il-mużika rrekordjata; l-ispirti u l-inbid; il-farmaċewtiċi; il-pestiċidi; smartphones; tajers u batteriji. Lċ-ċifri mogħtija hawn taħt jirreferu għal telf dirett f'kull settur. Ir-rati tal-kambju mogħtija hawn taħt huma dawk għall-2015, meta saret l-analiżi tad-dejta fir-rapport.

DWAR L-EUIPO

L-EUIPO hija aġenzija deċentralizzata tal-UE, ibbażata f'Alicante, Spanja. Hija tiġġestixxi r-reġistrazzjoni tat-trademarks tal-Unjoni Ewropa (EUTM, European Union trade mark) u d-disinn Komunitarju rreġistrat (RCD, registered Community design), u t-tnejn li huma jipprovdu protezzjoni għall-proprjetà intellettuali fl-Istati Membri kollha tal-UE. L-EUIPO twettaq ukoll attivitajiet ta' kooperazzjoni mal-uffiċċji nazzjonali u reġjonali tal-Proprietà Intellettuali tal-UE. L-EUIPO torganizza d-[DesignEuropa Awards](#).

L-Osservatorju Ewropew dwar Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali ġie stabbilit fl-2009 biex jappoġġja l-protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u biex jgħin fil-ġlieda kontra t-theddida dejjem tikber tal-ksur tal-proprjetà intellettuali fl-Ewropa. Hu ġie ttrasferit lill-EUIPO nhar il-5 ta' Ġunju 2012 mir-Regolament (UE) Nru 386/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Kuntatti għall-istampa:

Laura Casado

Tel.: +34 965138934

Laura.CASADO@euipo.europa.eu

Claire Castel

Tel.: +34 626346627

Claire.CASTEL@euipo.europa.eu

Ruth McDonald

Tel.: +34 965137676

Ruth.MCDONALD@euipo.europa.eu

#fightfakesinEU